Mellieħa

27 ta' Mejju 2020

# IT-TMIEN KUNSILL

**AĠENDA Numru 14**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa**

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru **14** li ser issir b'mod virtwali permezz ta' Skype nhar it-Tlieta 2 ta' Ġunju 2020 fis-6.00 pm.

Din il-laqgħa ser tiġi rrekordjata u l-filmat tagħha jista' jitniżżel mis-elettroniku https://www.mellieha.gov.mt/live-streaming.

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

**AĠENDA**

14.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

14.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

14.3. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku;

14.4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

14.5. Mozzjoni dwar l-approvazzjoni tal-Istqarrijiet Finanzjarji 2019 wara l-verifika;

14.6. Mozzjoni li tipprovdi għall-użu ta' *Electronic Point of Sale Facility (EPOS);*

14.7. Mozzjoni dwar ilqugħ qrib l-irdum f'Tal-Prajjet;

14.8. Mozzjoni dwar l-introduzzjoni ta' *fire hydrants* fl-inħawi msaġġra fil-Miżieb u fl-Aħrax;

14.9. Sejħa għall-offerti dwar Tindif ta' Toroq Mhux Urbani;

14.10. Konsiderazzjoni, approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti u Akkwist ta' Provisti u Servizzi; u

14.11. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## MOZZJONIJIET

14.5. Mozzjoni mressqa mis-Sindku D. Vella illi tgħid:

Billi l-udituri talbu li jsiru aġġustamenti fl-istqarrijiet finanzjarji għas-sena 2019 li diġa ġew approvati mill-Kunsill fis-seduta Nru. 10 tal-11 ta' Frar 2020; u

Billi t-tibdil li sar fl-Istqarrijiet Finanzjarji oriġinali għas-Sena 2019, ġew spjegati fid-dettal permezz ta' skeda li ġiet mgħoddija mill-istess udituri;

Kunsill jirriżolvi li japprova l-Istqarrijiet Finanzjarji, bl-inklużjoni tal-aġġustamenti imsemmija, u għaldaqstant jawtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmaw l-istqarrijiet finanzjarji u jgħadduhom lill-Uditur Generali, skont il-Proceduri tal-2005 dwar Kunsilli Lokali (Verifika).".
(F/1/2/Vol VIII)

Dario Vella
Sindku

Emvin Bartolo
Kunsillier

14.6. Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar illi tgħid:

"Sabiex jiġi pprovdut servizz ta' ħlasijiet permezz tal-karti ta' kreditu/debitu fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill; u

Billi r-Regolamenti dwar Gvern Lokali (Finanzi) (L.S. 363.01) ma jeskludux l-użu ta' *EPOS Machines* għall-għan imsemmi;

Il-Kunsill jirriżolvi li għandha ssir talba lil Bank of Valletta plc sabiex jipprovdi s-servizz imsemmi."
(B/1/Vol II)

Rebecca Bartolo Cutajar
Kunsillier

Marvin Abela
Kunsillier

14.7. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier G. Micallef illi tgħid:

"Sabiex isir ilqugħ protettiv *(fencing)* madwar il-perimetru tal-irdum li jagħti għall-Bajja f'Tal-Prajjet. Dan irid ikun mhux għola minn metru punt tnejn, sabiex ma jibqax il-periklu li n-nies jistgħu jaqgħu għal isfel. Ma' dan għandhom isiru ukoll aktar tabelli li jindikaw "Periklu - Tersaqx iktar il'barra minn dan il-punt / Danger – *Do not go beyond this point*."

Gabriel Micallef
Kunsillier

Ivan Castillo
Kunsillier

14.8. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier G. Micallef illi tgħid:

"Sabiex jiġu mixtrija u nstallati numru ta' "Fire Hydrants" għaż-żoni fl-Aħrax tal-Mellieħa, it-Torri l-Aħmar kif ukoll il-Miżieb sabiex f'każ ta' ħruġ ikun hemm provvista immedjata ta' ilma. Dan sabiex jiġu evitati inċidenti bħal ma' ġara fl-Aħrax tal-Mellieħa fil-ġranet li għaddew u l-Miżieb fix-xhur li għaddew.".

| | |
|---|---|
| Gabriel Micallef<br>Kunsillier | Marvin Abela<br>Kunsillier |